**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TLETTAX IMSEJĦA B'URĠENZA**

**22ta' Mejju, 2025**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq fis-19:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut, is-Sur Jeremy Coleiro u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**
-

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **13.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 13.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **13.2** | | ***PROĠETT VJAL IL-KULĦADD – MISRAĦ SANTA MARIJA F'BUBAQRA*** |
| | | |
| 13.2.1 | | Is-Sindku Rita Grima, qalet li llum issejħet laqgħa b'urġenza mill-Kunsilliera Kyle Mifsud, Dino Bonnici u Marylyn Sammut. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku qalet li l-bieraħ marret minn rajgħa fil-Misraħ Santa Marija u spontanjament ħarġu xi residenti u tkellmet magħhom, fuq x'qed idejjaqhom mill-proġett propost.<br>Hi ħadet nota ta' kull suġġeriment/ilment, li għamlulha u dalgħodu ikkuntatjat lill-Perit tal-proġett u staqsieta, jekk tistax tiġi fuq il-post ħalli jidduskutu flimkien dawn il-punti li għamlu r-ressidenti.<br><br>Ġie maqbul li jsir dan it-tibdil:<br>• Il-*planters* li kien hemm fil-pjanta, li kellhom isiru quddiem il-garaxxijiet, mhux ser isiru, sabiex is-sidien tal-garaxxijiet, ma jkollhomx il-bżonn li jiftehmu bejniethom biex jgħaddu għat-triq.<br>• Ser isiru siġar u fjuri imħawwla fil-ħamrija(fl-art), fejn bħalissa hemm is-*central strip.*<br>• Bankijiet mhux ser isiru jħarsu lejn ir-residenti u lanqas fin-nofs.<br>• Il-bankini man-naħa, int u sejjer lejn Triq San Iljun ser jiddejqu u jiddaħħal parkeġġ ieħor.<br>• Fejn il-palazz ser jiżdied parkeġġ ieħor ukoll.<br>• In-naħa ta' fejn hemm il-garaxxijiet jiġi pavimentar. |
| | | |
| 13.2.2 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud, qal li wara li s-Sindku kellha diskussjoni spontanja mar-residenti, l-istess residenti ikkuntatjaw lilu u qalulu li l-proġett sħieħ ma riduħx. Hu qal, li r-residenti qalulu li ma jridux pavimentar man-naħa tal-garaxxijiet u li riedu li t-triq tibqa l-istess kif inhi bħalissa, li tagħddi minn kull naħa tal-istatwa.<br><br>Is-Sindku Rita Grima qalet, li ftehmet mar-residenti, biex jinnominaw żewġ persuni biex jitkellmu f'isem ir-residenti kollha tal-Misraħ, u jkunu dawn li jiġu nnominati li jitkellmu mal-Kunsill fil-laqgħat.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li d-deċiżjoni finali għandha tkun tal-Kunsill, għaliex kienu l-istess residenti li tellgħu lill-kunsilliera biex jirrappreżentawhom.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud, talab li jkunu r-residenti li jivvutaw għall-proġett, għax huma ser jgħixu fih.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li illum kienet opportunita tajba li ġaladarba saru t-tibdiliet li tkellmet fuqhom is-Sindku mar-residenti u l-Perit, il-Perit kellha temenda l-pjanta u titressaq f'din is-seduta. Is-Sindku qalet li dan kollu sar xi ftit siegħat ilu u l-perit żgur li ma kellix ċans temenda l-pjanta.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-konsultazzjoni kellha issir ħafna qabel u mhux f' dan l-istadju, ħalli jsir dak li għandu jsir, abbażi ta' dak li jgħidu r-residenti li joqgħodu fil-Misraħ u mhux ta' dawk li jgħaddu minn hemm darba fix-xahar. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Hu żied jgħid li kemm ilu fil-Kunsill qatt ma jiftakar li saru 3 laqgħat wara xulxin fuq proġett u xorta ma jkunx hawn qbil. Hi realtà li numru kbir ta' residenti ma jridux il-proġett.<br><br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li kemm ilu fil-Kunsill, dejjem ingħata spazju għar-residenti biex jitkellmu u qatt ma saret xi ħaġa jekk ma tkunx ta' ġid għar-residenti. Hu qal li fil-Kunsill hawn 9 Kunsilliera, li jaħdmu favur ir-residenti u irringrazzja lir-residenti preżenti li kull darba qed jiġu għal laqgħat. Żied jgħid li ħajjet il-poplu hi ibbażata fuq l-argumenti, għaliex anke f'familja ma jkunx hemm qbil dejjem, u jkun hemm idejat differenti, aħseb u ara fi pjazza mimlija nies.<br><br>Il-Kunsillier Daniel Muscat, qal li ġaladarba kien hemm xi tibdil mill-pjanta li l-kunsill kien tkellem fuqha fl-aħħar laqgħa mar-residenti, illum l-Kunsill ma jistax jieħu deċiżjoni. Hu qal li l-Kunsill għandu jitkellem meta jkollu l-pjanta finali f'idu.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici, qal li l-Kunsill għandu jieħu kunsiderazzjoni taż-żewġ persuni identifikati mir-residenti, biex jitkellmu għalihom, li ser jiġu b'set ta' proposti mir-residenti tal-pjazza u dawk il-proposti li ser iressqu u li ser jiġu mitkellma mal-perit.<br><br>Kien hemm qbil li r-residenti jagħżlu ż-żewġ persuni u jitkellmu f'isimhom.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici, ġibed l-attenzjoni, li l-Kunsill m'għandux jagħmel proġett li ma jintlaqax mal-esiġenzi tar-residenti.<br><br>Dan ser ikun item fl-aġenda li jmiss. |
| | | |
| | | |
| ***13.3*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 13.3.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 4 ta' Ġunju, 2025, fil-5:00 filgħaxija. |

Konfermati, illum ___ ta' ĠUNJU, 2025

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**